SANTA LUĊIJA

MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

## It-Tmien Leġislatura
## Laqgħa Numru 03-19

**7 ta' Awissu 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**3.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' aploġiji.

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 02-19**

**3.2.1 *SPI/SCI/12/2019 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 2.5.2 tal-laqgħa preċedenti u ppropona li għandhom jitniżżlu l-proposti li saru li kienu jinkludu l-monument ta' Mintoff, il-monument fi Pjazza 7 ta' Lulju, Plakka ma' Blokk 4 Triq il-Ġnien li kienet ġiet inawgurata mill-mara tal-President Gorbachev fl-1989 u monument tal-fdalijiet tat-Teatru Rjal fi Triq Gardenja. Il-Kunsill approva din l-emenda.

**3.2.2 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 02-19 ġew approvati kif emendati.

**3.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**3.3.1 *Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM03-19 għall-perjodu bejn it-18 ta' Lulju 2019 u l-31 ta' Lulju 2019 u minn *cheque* numru BOV 7676 sa *cheque* numru BOV 7725.

**3.4 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**3.4.1 *Fondi Mill-LESA għall-proġetti tal-Kunsill***

Saret referenza għall-fondi mill-LESA għall-proġetti tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qalet li hi flimkien mal-Viċi Sindku qed jaħdmu fuq dawn il-proposti u li kienet inġiebet kwotazzjoni għal xiri ta' mezz ta' trasport f'Santa Luċija u bejn Santa Luċija u Raħal Ġdid. Is-Sindku qalet li din l-inizjattiva hija immirata l-aktar lejn l-anzjani u li kienet ser tiltaqa' mas-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, L-Onor. Anthony Agius Decelis f'dan ir-rigward.

**3.4.2 *Fondi mill-Aġenzija LESA għall-Attivitajiet Kulturali u Soċjali***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar ittra tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar fondi mill-Agenzija LESA li jistgħu jintużaw għall-attivitajiet kulturali u soċjali. Hija qalet li l-bilanċ għall-Kunsill ta' Santa Luċija huwa dak ta'

€2222.96. Ġie nnutat li biex isir ir-rimbors il-Kunsill Lokali irid ikun konformi mal-linji gwida f'kull stadju tal-proġett.

**3.4.3** ***Triq il-Ġiżimin – marki tat-toroq u road humps***

Is-Sindku irreferit għax-xogħol ta' kisi ta' toroq li sar fi Triq il-Ġiżimin minn Infrastruttura Malta u qalet li fuq talba tar-residenti, l-Kunsill kien talab lill-Infrastruttura Malta biex jiġu *reinstated* il-*parking bays* u ppropona wkoll li jsiru żewġ *road humps* f'din it-triq. Ġiet ippreżentata *site plan* li turi fejn qed jiġu proposti li jsiru dawn ir-*road humps*. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill bil-problema ta' dawl tat-toroq li hemm f'parti minn din it-triq.

**3.4.4** ***Talba għal dawl ġdid għal fuq il-passaġġ tal-Latrina Pubblika f'Dawret it-Torri***

Is-Sindku irreferit għall-proposta hawn fuq imsemmija u nfurmat lill-Kunsill lid-dawl ġdid kif propost mill-Kunsill ma kienx possibbli li jsir għax kien hemm problema ta' nuqqas ta' aċċess. Il-proposta ġiet riveduta u ġie deċis li minflok isiru żewġ *brackets* mal-għassa tal-pulizija.

**3.4.5** ***Attivita' mtella' mill-Angelic Voices bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill***

Is-Sindku ippreżentat tlett kwotazzjonijiet għall-kiri ta' *sound system* għal kunċert tal-Angelic Voices bl-isem ta' Kanzunetti Popolari Maltin li ser jittella fl-20 ta' Settembru 2019. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-kwotazzjonijiet u qabel li l-kwotazzjoni ta' A Sound li ser tlaħħaq madwar €800.00, kienet l-aktar waħda vantaġġjuża. Il-Viċi Sindku qal li ser ikun qed jara dwar il-possibilta' li jinkera palk kif rikjest. Ġiet preżentata u approvata wkoll kwotazzjoni għal kiri ta' siġġijiet. Ġie deċiż li jitħejjew il-biljetti għal din l-attivita' li ser ikunu mingħajr ħlas u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

**3.4.6** ***Europe for Citizens – Proġett Evoke***

Is-Sindku resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, *power point presentation* bit-tema ta' *Solidarity in Time of Crises*, *Poverty and Cultural Deprivation* li ser tiġi ippresentata waqt l-avveniment tal-proġett Evoke li ser isir f'Castiglione ġewwa l-Italja u li fih il-Kunsill ta' Santa Luċija qed jipparteċipa bħala *partner*. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din il-*power point presentation*.

**3.4.7** ***Vakanza għal Skrivana tal-Kunsill fuq bażi Part-Time***

Is-Sindku rreferit għal applikazzjonijiet li waslu l-Kunsill għal vakanza ta' skrivana fuq bażi *part-time*. Hija qalet li l-interviews ser ikomplu wara s-16 ta' Awissu 2019.

**3.4.8** ***Proposta ta' Ġemellaġġ***

Is-Sindku talbet lill-Viċi Sindku biex jinforma l-Kunsill dwar din il-proposta. Huwa qal li din hi proposta mill-Gvern Lokali ta' Kepno fil-Polonja. Huwa qal li diġa jeżistu kuntatti bejn skola speċjali li hemm viċin din il-Belt u l-Guardian Angel Secondary Resource Centre f'Malta taħt il-programm Erasmus +. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċedura li għandha twassal biex isir ġemellaġġ bejn il-belt ta' Kepno u Santa Lucija.

**3.4.9** ***Premju Anzjanita' Attiva***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ittra li l-Onor. Anthony Agius Decelis bgħat lill-Kunsill fir-rigward tal-Premju Anzjanita'Attiva 2019. Hija qalet li l-anzjani jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha bħala Sindku u kienet ser tkun qed taħdem fuq din il-proposta li tagħlaq fil-11 ta' Settembru 2019. Is-Sindku qalet ukoll li kull min jixtieq jinnomina lil xi ħadd għandu jinfurmaha b'dan kemm jista jkun malajr.

**3.4.10** ***Proposta biex isiru klassijiet tal-crafts***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar proposta minn residenta li xtaqet tagħmel klassijiet tal-*crafts* mingħajr ħlas. Il-Kunsill approva din il-proposta u ġie deċiż li ssir laqgħa ma' din r-residenta biex jiġu diskussi d-dettalji kollha ħalli jkun jista' jitħejja avviż għar-residenti.

**3.4.11** ***Servizz ta' DPO***

Is-Sindku rreferit għas-servizz ta' *Data Protection Officer* li bħalissa qed jingħata fuq bażi temporarja. Hija qalet li l-Kunsill għad m'għandux indikazzjoni tal-ħlas dovut fuq dan is-servizz. Hija qalet ukoll li wara li l-Kunsill tkellem mar-Reġjun Nofsinhar fuq il-possibilta' li s-servizz ta' DPO li għandu dan ir-Reġjun jiġi estiż għall-lokalitajiet membri, l-Kunsill irċieva kwotazzjoni mid-DPO li għandu r-Reġjun Nofsinhar. Hija qalet li din tammonta għas-somma ta' €4784.00 fis-sena. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li peress li dan huwa servizz kurrenti għandha toħroġ sejħa pubblika f'dan ir-rigward.

**3.4.12** ***Librerija Pubblika***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar talba li qed tagħmel il-librara biex il-librerija tibqa magħluqa f'xi ġranet fix-xahar ta' Awissu 2019. Il-Kunsill laqa'din it-talba u għandu jinħareġ avviż għar-residenti bil-ġranet li fihom il-librerija pubblika ser tinżamm magħluqa.

**3.4.13** ***Kwotazzjoni għal sistema ġdida tat-telefon***

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet għal xiri ta' sistema ġdida tat-*telephone*. Billi dawn kienu jinkludu dettalji tekniċi, ġie deċiż li l-Kunsill jieħu parir tekniku qabel jiddeċiedi liema kwotazzjoni hija l-aktar favorevoli. Hija qalet li mhux eskluż li jinġiebu aktar kwotazzjonijiet għal dan l-akkwist.

**3.4.14** ***Bye-Laws Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku rreferit għall-*Bye-Laws* li għandu l-Kunsill dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Hija qalet li ilu jinħass il-bżonn li dawn il-*Bye-Laws* jiġu riveduti biex jirriflettu ż-żmienijiet ta' llum. Saret diskussjoni u saru xi proposti fosthom li l-kontribuzzjoni għal użu ta' dan il-Ġnien bħala *venue* għat-tiġijiet trid tirdoppja u li l-kontribuzzjoni ta' €500.00 għal użu ta' parti tal-ġnien trid titneħħa. Ġie propost li l-użu tat-Tea Room għall-*parties* jew attivitajiet ta' mhux aktar minn ħamsin ruħ għandha tkun dik ta' €250.00. Ġie propost ukoll li b'effett immedjat min jikri l-ġnien għal xi attivita' irid iħallas ukoll għat-tindif qabel u wara l-attivita'.

Rigward talbiet għall-użu tal-Ġnien il-Kunsill qabel li sakemm jiġu emendati l-*Bye-Laws*, il-kontribuzzjonijiet għandhom jibqgħu jsiru skond il-*Bye-Laws* eżistenti.

Is-Sindku qalet li ser isir eżerċizzju minn bniedem professjonali biex naraw x'emendi hemm bżonn u wara jitressqu l-proposti għad-diskussjoni u approvazzjoni tal-Kunsill.

**3.4.15** ***Kuntratt għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija***

Is-Sindku qalet li wara li għaddew għaxar t'ijiem mill-ħruġ mill-ġdid tal-Ittra ta' Aċċettazzjoni fuq il-kuntratt hawn fuq imsemmi, l-Kunsill seta' jiffirma l-*contract agreement* mal-kuntrattur kif approvat mill-Kunsill u s-servizz il-ġdid daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 2019. Saret diskussjoni fir-rigward tal-latrina fil-Picnic Area li ġiet ivvandalizzata, ġie deċiż li għandha ssir il-manutenzjoni neċessarja. Il-Viċi Sindku qal li ser ikun qed jara li ssir il-manutenzjoni li hemm bżonn.

**3.4.16** ***SPI/SCI/11/2019 Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (Lifelong Learning)***

Is-Sindku rreferit għaċ-Ċirklulari hawn fuq imsemmija u qalet li din tagħlaq fid-9 ta' Awissu 2019. Hija qalet li hemm il-possibilta' li l-Kunsill ma jleħħaqx mad-data tal-għeluq ta' din l-applikazzjoni.

**3.4.17** ***Applikazzjonijiet lill-Awtorita' tal-Ippjanar fil-konfini ta' Santa Luċija***

Is-Sindku ressqet l-applikazzjonijiet li saru lill-Awtorita' tal-Ippjanar f'dan il-perjodu għall-attenzjoni tal-Kunsill. Saret referenza għall-applikazzjoni PA/03236/19 li ġiet *granted* mill-Awtorita' tal-Ippjanar li tirrigwarda żvilupp fl-*area* mgħarufa bħala tat-Tgħatigħa. Il-Viċi Sindku qal li ser jara l-informazzjoni dwar dan l-iżvilupp.

**3.4.18** ***L-impatt fuq Jogging Track bil-proġett tal-Mini f'Tal Barrani***

Is-Sindku tkellmet dwar dak li qed jidher fil-media dwar l-impatt fuq il-Jogging Track bix-xogħolijiet li għaddejjin bħalissa bil-proġett tal-mini fi Triq tal-Barrani. Il-Kunsillier Terrence Ellul qal li fil-media qed jintqal li t-*track* fil-Jogging Track ser jispiċċa. Is-Sindku qalet li t-*track* ser tibqa ta' kilometru kif inhi illum u qed jintqal ħażin fil-media. Hija qalet ukoll li l-*green area* tal-Jogging Track ser tonqos minn naħa ta' fuq biss. Is-Sindku irreferit għaċ-*chat* privata li għandhom bejniethom il-Kunsilliera u qalet li l-għan li nħolqot din ic-*chat* kien biex hi tisma l-opinjoni ta' kulħadd u tkun taf kif għandha tikkummenta fil-media. Hija indirizzat lill-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward ta' kummenti li għamel fuq il-media. Il-Kunsillier Sciberras qal li hu bħala ċittadin kellu dritt jikkummenta u dan huwa proċess demokratiku. Is-Sindku qaltlu li hu tkellem bħala kunsillier. Qamet diskussjoni u finalment ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiddiskuti waqt il-laqgħa tal-Kunsill u ma jsirux aktar *private chats* fuq *issues* tal-Kunsill.

Dwar artiklu li nkiteb minn residenta ta' Santa Luċija fil-Malta Today il-Viċi Sindku ikkummenta li l-benefiċċji tal-*woodland* hemm ser jibqgħu. Huwa qal li s-siġar ser jiġu *replanted* f'*areas* oħra tal-Jogging Track, fi Triq Prinjoli, ħdejn l-iskola sekondarja tal-bniet, fil-perimetru tal-Picnic Area u f'Wied Garnaw fejn art abbandunata u maħmuġa ser tinbidel *f'woodland.* Huwa qal li Infrastruttura Malta daħlet f'kuntratt ta' ħames snin għat-tisqija ta' dawn is-siġar. Is-Sindku żiedet tgħid li minflok *sound barriers* għalissa ser jgħamlu *hedging*.

**3.4.19** ***Facebook Page tal-Kunsill***

Il-Kunsill idduskata l-andament tal-*Facebook Page* tal-Kunsill u ġie deċiż li dan għandu jkun *information only*. Dwar il-proċedura tal-informazzjoni li tittella' fuq il-*Facebook Page*, għandha tkun li l-ewwel l-informazzjoni tinbgħat lill-Kunsill, tittella' fuq *facebook* imbagħad tiġi *shared*.

3.4.20 *Ilmenti u Suġġerimenti*

Il-Kunsill innota diversi kummenti u suġġerimenti kif ukoll ilmenti mir-residenti u ser ikun impenjat li jindirizza dawn il-proposti bl-aħjar mod possibli.

**3.5 Offerta SLLC SS(57-19-03) Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq – Rapport ta' Evalwazzjoni**

Il-Kunsill ser ikun qed jiddiskuti dan is-suġġett peress li l-evalwazzjoni fuq din is-sejħa għadha mhix finalizzata.

**3.6 Offerta SLLC RMPF(57-19-04) – Manutenzjoni ta' Toroq**

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-evalwazzjoni fuq din is-sejħa u qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni biex dan il-Kuntratt jingħata lill-Karmig Trading li tefa' l-orħos offerta.

**3.7 Measure 4.3**

Il-Kunsill iddiskuta il-ħlas dovut lill-kuntrattur fuq xogħol ta' kisi ta' Trejqet Garnaw. Is-Sindku qalet li l-kuntrattur infurmat lill-Kunsill bil-miktub li ser tkun qed tindirizza l-problemi żgħar li hemm fl-ewwel triq li saret, Alley L/O ta' Garnaw. Il-Kunsill awtorizza l-ħlas tat-tieni triq taħt din l-iskema.

**3.8 Skemi Finanzjarji**

Il-Kunsill innota li l-iskemi pendenti diġa semmithom is-Sindku waqt il-kommunikazzjonijiet.

**3.9 Mistoqsijiet Mill-Kunsilliera**

**3.9.1** Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward tat-Traffic Lights fi Triq tal-Barrani, s-Sindku wieġbet li dawn ser ikunu qed isiru aktar l-isfel fit-triq.

**3.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Settembru 2019 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2019**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |